**ARĊIDJOĊESI TA' MALTA**

Lir-Reverendi Arċiprieti, Kappillani, Retturi ta' knejjes u Superjuri Reliġjużi

# ĠABRA FAVUR L-ART IMQADDSA

Nhar il-Ħadd, 20 ta' Settembru 2015, fl-Arċidjoċesi tagħna se tiġi ċċelebrata l-ġurnata ta' talb u ta' għajnuna għall-Art Imqaddsa.

Nappellaw lil kulħadd biex noffru t-talb tagħna lil Alla għal dawn ħutna li jgħixu hemm. B'mod speċjali, inkomplu nitolbu lil Alla biex idawwal l-imħuħ u jmexxi l-qlub tal-bnedmin biex ikun hemm il-paċi fl-Art Imqaddsa.

Nippruvaw ngħinu lil dawn ħutna wkoll materjalment, billi nagħtu l-offerta ġeneruża tagħna fil-ġabra li sejra ssir fil-quddies kollu li jiġi ċċelebrat fil-knejjes tagħna nhar is-Sibt filgħaxija, 19, u l-Ħadd, 20 ta' Settembru.

Bl-offerti tagħna ngħinu biex jinżammu miftuħa postijiet u ħidmiet reliġjużi u ta' għajnuna għal dawn ħutna li jgħixu fl-Art Imqaddsa.

Il-Mulej żgur jisma' t-talb tagħna.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 3 ta' Settembru 2015.

Lawrence Gatt
Kanċillier

Joe Galea Curmi
Vigarju Ġenerali